MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 20/1997/2

**John Bellia**

**v.**

**Anna Bellia**

**Il-Qorti:**

1. Fit-18 ta' Frar 2003, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-segwenti sentenza:
"**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien gie awtorizzat permezz ta’ digriet (numru 440/92) tal-Qorti Civili, Sekond’ Awla, sabiex jipprocedi gudizzjarjament ghas-separazzjoni personali minhabba eccessi u ingurji gravi da parti ta’ l-istess konvenuta;

Premess illi l-attur ipproceda kif gie awtorizzat li jaghmel kontra martu l-kawza ta’ separazzjoni relattiva (Citazzjoni numru 725/92 FD) hija attwalment pendenti quddiem din il-Qorti;

Premess illi l-attur gie awtorizzat permezz ta’ digriet iehor (numru 871/96) tal-Qorti Civili, Sekond’ Awla, sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni mill-konvenuta billi hija rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju (dokument A);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attur u martu l-konvenuta, ghaliex hija rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kollha kif kontemplat skond il-ligi, kompriz id-dritt li tezigi l-mantenimnet minghand l-attur;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-atti riferiti quddiem il-Qorti Civili, Sekond’ Awla, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li tirrespingi l-allegazzjoni ta' adulterju imressqa kontra taghha;

2. Illi lanqas m'ghandu jigi applikat kontriha s-sanzjoni mitluba ta' dekadenza;

3. Illi c-citazzjoni kif dedotta hija purament vessatorja, infondata, u b'hekk titqies bhala aggravju u ingurja ohra li tizdied ma' dawk gja maghmula mill-attur kontra l-eccipjenti u li dwarhom iddeduciet formalment talba ghas-separazzjoni personali fl-ismijiet inversi pendenti quddiem din il-Qorti;

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Ikkonsidrat li il-partijiet qablu li l-provi li jingabru fil-kawzi bejn l-istess partijiet bin-numri 725 u 738 ta' l- 1992 ikunu jaghmlu stat anki ghal din il-kawza u vice-versa;

Rat in-noti presentati mid-difensuri;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi din hi t-tielet kawza bejn il-kontendenti konjugi Bellia fejn intalbet is-separazzjoni personali beniethom bis-soliti talbiet; l-ewwel tnejn kienu bazati fuq allegati nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, waqt li l-attur intavola din il-kawza fuq il-premessa li martu kienet hatja ta' adulterju;

Illi t-tlett kawzi qed jigu decizi llum; peress li kien hemm qbil u anki kif stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-atti u x-xhieda tat-tlett kawzi qed jittiehdu *quid unum* u peress li l-kawza 725/93 kienet l-ewwel wahda intavolata, is-sentenza li qed tinghata fiha tigbor il-konsiderazzjonijiet u id-decizjonijiet kollha li jikkoncernaw it-tlett kawzi;

Illi anki d-distinzjoni bejn iz-zewg tipi ta' kawzi u l-konsegwenzi differenti li jistghu isegwu gew ukoll spjegati fis-sentenza principali;

Illi ghalhekk il-Qorti fuq il-bazi u l-iskorta tal-provi kollha migbura fl-imsemmija tlett kawzi qed taghmel ampja riferenza tas-sentenza fil-kawza bin-numru 725/93 u peress li mir-rizultanzi processwali kollha it-talba ta' l-attur giet abbondantement pruvata.

Ghall-motivi imsemmija tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-ewwel domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tiddeciedi it-tieni talba billi fil-waqt li taghmel riferenza ghad-drittijiet imsemmija u ghal dak kollu li inghad hawn fuq u fid-decizjoni li qed tinghata illum fil-kawza bin-numru 725/93 bejn l-istess partijiet tiddikjara li l-konvenuta tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment u li tigi xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Bellia u tassenja lill-konvenuta bhala s-sehem lilha spettanti mill-istess komunjoni u ghad-dota u beni parafernali taghha, id-dar matrimonjali Qalb ta' Gesu', Leli Falzon Street, Naxxar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u l-attur ghandu jaghmel dak kollu necessarju biex din l-assenjazzjoni ssehh, l-ghamara, hwejjeg u oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar, il-vettura Mini antika li tinsab fil-pussess tal-konvenuta u s-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) li l-attur huwa kundannat ihallas lill-konvenuta minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta' meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.  Lill-attur qed jigu assenjati l-beni immobili l-ohra kollha u li jinkludu 37, Upper Bugibba Road, Bugibba u plot numru 5 Ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija, il-

Mercedes antika li tinsab ghand l-attur u dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu inkluzi flus u depositi bankarji.

L-ispejjez, stante li din il-kawza qed tigi deciza flimkien mat-tnejn l-ohra imsemmija, jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti."

2. Fl-10 ta' Marzu 2003, l-attur John Bellia ("l-appellant") intavola appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti. L-appellant jispjega l-aggravju tieghu b'dan il-mod:
"Dan l-appell jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat ix-xjoljilment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi u ordnat li jigu assenjati lilhom dawk l-assi li jirrizultaw skond l-istess sentenza. L-appell odjern jirrigwarda wkoll il-kap ta' l-ispejjez.

L-esponent jirrileva li:

(i) L-ewwel adulterju tal-konvenuta jmur lura ghas-sena 1993 (pagna 18 tas-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet John Bellia vs Anna Bellia, Citazzjoni 725/92FD).

(ii) Il-konvenuta kellha *"pattern"* adulteru konsistenti ghall-ahhar.
(iii) Irrizulta konsistenti wkoll in-namur tal-konvenuta ma' l-ispirtu tal-verita` billi baqghet dejjem tichad li kellha xi relazzjoni ma' terza persuna. Anzi tirritjeni fl-eccezzjonijiet taghha li l-esponent imalafamaha bl-akkuza ta' adulterju.

L-esponent hawnhekk jaghmel riferenza wkoll ghas-sottomissjonijiet minnu maghmulha fir-rikors ta' l-appell li ipprezenta mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-kawza fuq citata (citazzjoni 752/92 FD) senjatament ghar-rigward ta' l-assenjazzjonijiet ta' l-assi kif ordnat ukoll bis-sentenza odjerna.

Ghar-rigward tal-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza, jinghad bir-rispett illi certament l-adulterju tal-konvenuta ma jistax ma jitqiesx imputabbli unikament lilha."

3. L-appellant talab illi din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza appellata:
"billi filwaqt illi tikkonfermaha ghar-rigward tad-decizjoni moghtija dwar l-ewwel talba attrici, kif ukoll dwar id-dekadenza da parti tal-konvenuta mid-dritt ghall-manteniment u drittijiet ohrajn indikati fid-decizjoni dwar it-tieni talba attrici, tirrevokaha fejn gie deciz x'assenjazzjonijiet ta' l-assi ghandhom isiru lill-partijiet u minflok tassenja lill-istess kontendenti dwak il-porzjonijiet li jisthoqqilhom skond il-ligi u skond ir-rizultanzi processwali; u tirrevokaha wkoll fejn gie deciz illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, billi minflok tiddeciedi li l-ispejjez relativi jigu supportati mill-konvenuta."

4. Ma jirrizultax mill-atti li l-konvenuta appellata ipprezentat risposta ghar-rikors ta' l-appell imsemmi. Madanakollu, fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2004, dehru l-partijiet kif ukoll id-difensuri taghhom, u dawn ta' l-ahhar ghamlu s-sottomissjonijiet orali taghhom dwar l-appell odjern.

5. Ghandu jigi rilevat li l-odjerna kawza tmexxiet kontestwalment ma' zewg kawzi ohra, cioe` wahda fl-istess ismijiet li ggib ic-Citazzjoni Nru. 725/92, u ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi li ggib ic-Citazzjoni Nru. 738/92. Sar hekk ghaliex dawn it-tlett kawzi kienu intimament relatati ma' xulxin, tant li l-partijiet qablu li l-provi kollha mressqa f'kull wahda minnhom kienu japplikaw u jaghmlu stat ta' prova ghall-kawzi l-ohra. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet dawn it-tlett kawzi bi tlett sentenzi separati li kollha gew pronunzjata minnha fit-18 ta' Frar, 2003. John Bellia appella minn dawn it-tlett sentenzi tal-prim istanza quddiem din il-Qorti, li wkoll trattathom kontestwalment u b'mod illi z-zewg kawzi l-ohra wkoll gew decizi minn il-Qorti llum stess.

6. Fl-odjerna kawza l-appellant ghamel referenza wkoll ghas-sottomissjonijiet minnu maghmula fir-rikors ta' l-

appell li ipprezenta mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-kawza fuq imsemmija Citazzjoni 725/92, senjatament ghar-rigward ta’ l-assenjazzjonijiet ta’ l-assi kif ordnat ukoll bis-sentenza odjerna. Zied jghid f’dan l-appell li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kollha kemm huma mill-konvenuta ghaliex certament l-adulterju tal-konvenuta ghandu jitqies imputabbli unikament lilha. Fis-sentenza li din il-Qorti tat illum stess fl-imsemmija kawza Citazzjoni Nru. 725/92, din il-Qorti ikkonkludiet li l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenuta irrendiet ruhha hatja ta’ adulterju. Madanakollu, din il-Qorti ikkonkludiet ukoll li z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak b’responsabilita` u tort taz-zewg partijiet, imma l-aktar b’responsabilita` tal-konvenuta appellata. Fl-imsemmija sentenza taghha, din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kollha li ghamel l-appellant rigward l-assenjazzjonijiet ta’ l-assi kif ordnati bis-sentenza appellata. Dik is-sentenza ghandha titqies bhala s-sentenza principali bejn il-kontendenti konjugi Bellia li tirregola d-drittijiet u l-obbligi bejniethom billi l-istess sentenza fiha l-osservazzjonijiet u l-motivazzjonijiet kollha li din il-Qorti ressqet ’il quddiem biex fuqhom tibbaza l-konkluzjonijiet raggunti fiha. Dawn il-konkluzjonijiet ghandhom ukoll japplikaw ghall-odjerna kawza, *mutatis mutandis*.

7. Rigward il-kap ta’ l-ispejjez, din il-Qorti thoss li l-aggravju relativ ta’ l-appellant huwa gustifikat. Dan ghaliex il-konvenuta appellata naqset li taghti l-kunsens taghha biex l-attur appellant ikun awtorizzat li jinkludi u jzid din il-kawzali ta’ l-adulterju fil-kawza originali ghas-separazzjoni personali gdida. B’hekk, l-attur odjern ma kellux triq ohra hlief li jintavola citazzjoni gdida *ad hoc* a bazi ta’ din il-kawzali addizzjonali li irrizulta li sar jaf biha fil-mori tal-kawza msemmija intavolata minnu. Inoltre, ghandu jinghad li f’din l-odjerna kawza l-attur irnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu u ghalhekk jidher car li huwa ma ghandux isofri ebda spejjez f’din il-kawza.

8. Ghal dawn il-motivi, kif ukoll ghall-motivi kontenuti fis-sentenza fl-istess ismijiet pronunzjata llum stess minn din il-Qorti fil-kawza citazzjoni 725/93:

Tilqa’ l-appell biss in parte billi tirrevoka s-sentenza appellata biss fejn din ikkundannat lill-attur li jhallas lil konvenuta s-somma ta’ LM15,000, minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data li dik is-sentenza tghaddi in gudikat, u minflok tikkundanna lill-istess attur appellant li jhallas lill-konvenuta appellata s-somma LM7,500 minghajr imghax fi zmien sitt xhur mil-lum u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament, hlief ghal kap ta’ l-ispejjez, billi minflok tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi ta’ l-odjerna kawza jibqghu kollha a karigu tal-konvenuta appellata.

Fl-ahhar nett ghandu jigi rilevat, biex jigi evitat kwalunkwe malintiz, li nonostante li fit-tliett sentenzi pronunzjati llum minn din il-Qorti fit-tlett kawzi fuq imsemmija bejn il-konjugi Bellia, hemm, f’kull wahda minnhom, il-kundanna ta’ John Bellia biex ihallas is-somma ta’ LM7,500 lil Anna Bellia, dan ma jfissirx li John Bellia ghandu jhallas din is-somma ghal tlett darbiet.  Evidentement, dan m’huwiex il-hsieb ta’ din il-Qorti li, a skans ta’ ekwivoci, qeghdha taghmilha cara li din is-somma ghandha tithallas minn John Bellia ghal darba wahda biss lil Anna Bellia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------